



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.3.2025
COM(2025) 132 final

ANNEX 2

ANNEX

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port

ANNEX II

Speċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port

Qabel kull laqgħa annwali tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port (PSCC) tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni tkun tqis l-informazzjoni kollha rilevanti mibgħuta lill-Kummissjoni u kull dokument li jrid jiġi diskuss u li hu fil-kompetenza tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipji gwida u l-orjentazzjonijiet stabbiliti fl-Anness I.

Għal dan il-għan u abbażi ta' dik l-informazzjoni, is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jibagħtu dokument preparatorju fi żmien biżżejjed qabel il-laqgħa tal-PSCC li jstabbilixxi d-dettalji tal-pożizzjoni prevista għall-kunsiderazzjoni u għall-approvazzjoni tal-Kunsill jew tal-korpi preparatorji tiegħu.

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni, prevista fid-dokument preparatorju, għandha titqies li tkun maqbula, sakemm xi Stati Membri ekwivalenti għal minoranza li timblokka ma jkunux oġġezzjonaw għaliha waqt laqgħa tal-korp preparatorju tal-Kunsill jew fi żmien għoxrin jum minn meta jasal id-dokument preparatorju, skont liema data tkun l-ewwel. Jekk ikun hemm xi oġġezzjoni, il-kwistjoni għandha tingħadda lill-Kunsill.